**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**Vs**

**Lee Julian Dimech**

Kumpilazzjoni Numru: 1291/2014

Illum 28 ta' Novembru 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Lee Julian Dimech ,iben John u Georgina nee' Formosa, imwieled Pieta', fit-3 ta' Frar 1984 u residenti Leejeff, Triq il-Waqqafa, Mosta u detentur ta' karta tal-identita' 106784(M) talli :-

F'dawn il-Gzejjer fil-21 ta' Diucembru 2014 bejn id-disgha u kwart filghaxija u l-ghaxra neqsin ghaxra ta' filghaxija (9:15pm – 9:50pm) minn San Giljan u/jew mill-vicinanzi:

Ikkometta serq ta' gakketta li tiswa Euro 50 u xalla li tiswa 10 ewro, liema serq huwa ikwalifikat bil-hin ghad-dannu ta' Tiziana Abela u/jew persuni ohra.

Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hinijiet u cirkostanzi ikkommetta serq ta' coat li jiswa Euro 400 li kien fih portmoni li jiswa Euro 40, Euro 500 fi flus kontanti, mobile phone tal-ghamla Samsung Grad 2 li jiswa Euro 500 u cwievet liema serq huwa ikwalifikat bil-valur (jiskorru il-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (232.94 Ewro) imma mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37 Ewro) u bil-hin ghad-dannu ta' Amanda Vella u/jew persuni ohra.

U aktar talli fl-istess data, lok, hinijiet u cirkostanzi ikkommetta serq ta' gakketta li tiswa 140 Ewro, liema serq huwa ikwalifikat bil-hin ghad dannu ta' Karl Grech u/jew persuni ohra.

U aktar talli f'Malta xjentament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentament, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat jinsab addebitat bir-reat ta' serq aggravat bil-valur u hin u b'ricettazzjoni.

Ix-xhud Neil Bartolo[1] jixhed li kien mat-tfajla tieghu Tiziana Abela gewwa Bacco u hija kellha l-gakketta taghha fuq bar warajhom ezatt. Kif kienu se jitilqu u t-tfajla marret biex tigbor il-gakketta din ma sabithix. Qalu lil barman, iccekkjaw il-cameras u raw li kienu ttiehdu minn persuna u kien deher li gabar gkieket ta' nies ohra. Imbaghad wara xi hin is-security qalulhom li sabuh lill-individwu. Imbaghad waslu l-pulizija u marru mal-pulizija ghar-rapport. In kontro-ezami jaqbel li f'Bacco's kien imdallam u kien hemm folla nies u li l-lewn tal-gkieket kien skur izda ma kienx dlam cappa.

Amanda Vella[2] tixhed li kien il-21 ta' Dicembru 2014. Hija kienet fl-istabiliment Bacco ma' Mark Brincat, Karl Grech u koppja ohra. Hija nehhiet il-kowt u kellha l-handbag li kien zghir u kellha l-gakketta tal-kugin taghha. Tefghathom fuq il-bar magenbha u kienu qed jiehdu drink. Meta wasal il-hin biex imorru ma sabux il-gkieket. Sabet lill-manager tal-Bar u raw il-cameras. Raw guvni jiehu l-affarijiet u baqa' diehel lejn Bar Native. Ippruvaw imorru jfittxuh f'Bar Native izda ma sabuhx. Mark Brincat kien qieghed barra jistenna u ra guvni b'hafna gkieket. Hija tghid li kellha neqsin il-kowt, il-flus, il-handbag u l-mowbajl. Tixhed li kellha €500 ghaliex kienet gibdithom gimgha qabel biex tmur taghmel *Christmas shopping.* Il-mowbajl kien jiswa madwar €500 ghaliex tal-kumpanija tax-xoghol. Il-kowt kien jiswa madwar €200 - €250 izda ircevuta ma kellhiex. Tghid li meta rat lill-imputat bil-gkieket hija talbitu l-kowt taghha u huwa beda jghidilha li l-kowt mhux taghha u gibditlu l-kowt minn idu. Il-handbag ma sabitux u ma tafx kemm kien jiswa. Portmoni ma kellhiex ghaliex il-flus tefghathom fiz-zip tal-handbag. Is-security zammew lill-imputat

[1] Seduta tad-9 ta' Marzu 2015
[2] Seduta tad-9 ta' Marzu 2015

go karma. Waslu l-pulizija u marret maghhom biex johdulhom id-dettalji. Il-kowt biss hadet lura. Hija ezebiet ricevuta datata 16 ta' Dicembru 2014 inkwantu ghall-flus u tispjega li ghalkemm marret biex tixtri ma sabet xejn u baqghet bil-flus fuqha. In kontro-ezami qalet li meta s-security hadu lill-imputat gewwa kamra haduh bil-kowt taghha b'kollox. Tispjega li l-handbag taghha kien fuq il-bar bejn il-gkieket.

Mark Brincat[3] jikkonferma l-versjoni ta' Amanda Vella. Lilu ma naqaslu xejn. Huwa baqa' bil-gakketta. Jixhed li Karl u Amanda marru jaraw il-filmat u wara marru jfittxu lil min hadilhom il-gkieket gol-bar ta' faccata. Ma sabuhx. Ix-xhud hareg jistennihom u l-ohrajn dahlu gol-bar. Jixhed *" u sadanittant jiena nara persuna litteralment imgezwer bil-gkieket dan. Il-gkieket mdawrin mieghu, il-gkieket taht idejh, liebes hafna gkieket u cempilt lil Karl u harget Amanda".* Kellu xi 7 gkieket mdawrin mieghu u meta Amanda gharfet il-kowt taghha l-imputat qalilha x'kienet se taghmel izda hija haditlu l-kowt. Ix-xhud sussegwentement ra l-filmat u jixhed li l-persuna li tidher li hadet il-gkieket u l-persuna li ra bil-gkieket fuqu huwa l-istess persuna ossija l-imputat. Talbu l-gkieket u beda jilghabha li ma jaf xejn.

Karl Grech[4] xehed li kien il-21 ta' Dicembru 2014 madwar id-disa' /disgha u kwart ta' filghaxija meta kien qieghed jiehu drink mal-hbieb tieghu F'Bar. Meta kienu se jmorru post iehor indunaw li l-gkieket ma kienux hemm. Kellmu lill-manager u raw il-filmat.Huma raw bniedem fuq il-mowbajl, dahal bejniethom, ha l-gkieket u hareg 'il barra. Marru jfittxuh go bar faccata ghalxejn u imbaghad is-security qalilhom li qabduh. Hargu barra u sab il-gakketta tieghu. Dak li ra fuq il-filmat u l-persuna bil-gkieket huma l-istess – l-imputat li kien liebes kowt abjad. Il-gakketta kienet tiswa €120 u hadha lura.

L-Ispettur Trevor Micallef[5] xehed li s-security kienu qabdu persuna tisraq xi gkieket li kien fihom flus u mowbajl f'bar f'Bacco. Kienu

[3] Seduta tad-9 ta' Marzu 2015
[4] Seduta tad-9 ta' Marzu 2015
[5] Seduta tat-18 ta' Mejju 2015

nstabu l-gkieket u gew ritornati pero' flus u mowbajl ma gewx ritornati.

PS 1540 Edmond Fenech[6] li meta mar fuq il-post kien hemm pulizija tal-RIU li kienu zammew lill-persuna u ghamlu tfittxija fuqu u sabu 5 gkieket li 3 minnhom gew identifikati. Mit-tfittxija li saret ma kienux instabu la flus u lanqas mowbajl. Saret tfittxija wkoll fil-vettura Lee 384 tal-marka BMW li rrizultat fin-negattiv u saret ukoll tfittxija fid-dar tieghu izda wkoll irrizultat fin-negattiv. Hadu lill-imputat il-poliklinik billi qal lis-securities sawtuh u gie ccertifikat li kien qieghed isofri minn griehi gravi u hfief. In kontro-ezami jixhed li saret tfittxija mill-pulizija RIU *a tempo vergine* imbaghad fl-Ghassa fuq il-persuna, fil-lock up, fil-karozza u fid-dar tieghu u nstabu biss gkieket.

PS 1269 Louis Tabone[7] jixhed li mar biex jassistu lil RIU u sabu lill-imputat. Haduh l-ghassa, tawh id-drittijiet, saret tfittxija fil-vettura u fir-residenza tieghu b'ezitu negattiv. Haduh il-klinik. In kontro-ezami spjega li sabu lill-imputat barra quddiem Bacco mas-securities, max-xhieda u RIU. Kellu ghajnejh hamra u kienu mdwarin mieghu.

Tiziana Abela[8] tikkonferma li kienet f'Bacco mal-boyfriend taghha Neil Bartolo. Kienu mal-bar u halliet il-gakketta taghha fuq il-bar u taf li kien hemm grupp iehor li hallew il-gakketta taghhom u ma sabithix. Il-gakketta kienet tiswa madwar €50 u kellha wkoll xalla. Huma raw il-footage u gharfet lill-imputat li deher fil-footage li ha l-gkieket u telaq il-barra.

Anthony Bonnici[9], in rapprezentanza tal-Go Mobile, xehed li IMEI numru moghti kien ipperjat mill-1 ta' Gunju 2014 sat-18 ta' Mejju 2015 irrizulta li bejn id-9 ta' Ottubru u l-21 ta' Dicembru 2014 kien ipperjat mal-linja registrata fuq Amanda Vella. Wara l-21 ta' Dicembru 2014 ma rrizultax li kien ipperjat ma' simcard ohra tal-Go Mobile. Mix-

[6] Seduta tat-18 ta' Mejju 2015
[7] Seduta tat-18 ta' Mejju 2015
[8] Seduta tat-18 ta' Mejju 2015
[99] Seduta tal-1 ta' Gunju 2015

xhieda imbaghad ta' Marisa Gauci, in rapprezentanza tal-Vodafone, jirrizulta li l-IMEI numru inkwistjoni gie ipperjat fis-27 ta' Frar 2015 u gie registrat fuq kumpanija lokali.

PS 1354 Claudio Coppola[10] xehed li dakinhar tal-incident ghall-habta tad-9.15p.m. waqt li kienu fuq ronda kien hemm sejha li kien hemm argument fl-istabiliment Bacco. Huwa flimkien ma' kollega tieghu marru fuq il-post u kif waslu kien hemm security li laqaghhom mal-bieb li qalilhom li persuna fl-ufficcju li kienu qabduh jisraq xi gkieket flimkien ma' xi affarijiet ohra. Meta s-Surgent dahal fl-ufficcju sab lill-imputat. Flimkien mieghu kien hemm ukoll il-vittmi li kienu qalu li kienu raw lill-imputat b'xi gkieket fuq idejh li kellu madwar 7 u gharfuhom li kienu taghhom. Ix-xhud ighid li hargu lill-imputat 'il barra, ghamlu tfittxija fuqu izda ma sabu xejn. L-imputat qal ukoll li kien gie aggredit. PC 1214 Malcolm Sammut jikkorobora x-xhieda ta' PS 1354 u xehed ukoll li l-imputat kellu xi daqqiet f'wiccu wkoll.

L-imputat[11] ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri. Huwa qal li dakinhar tal-incident kellu riceviment tax-xoghol fejn ilu gimgha bi prova. Ftit qabel kien hassar mir-relazzjoni li kellu. Marru jieklu u kkunsmaw alcohol dakinhar. Wara r-riceviment iddecieda flimkien mal-kollegi tieghu li jmorru jikomplu jixorbu Paceville. Qabel marru ftiehem ma' zewg kollegi tieghu Yanis Degrabriele u Clayton Mazzitelli biex ighaddi ghalihom. Clayton halla c-cavetta tad-dar tieghu fil-karozza tal-imputat. Marru jiehdu drink Bacco. Baqghu hemm ghal xi saghtejn. Maghhom kien hemm ukoll zewg tfajliet. F'hin minnhom lil Clayton ma rawhx aktar. Bdew icemplulu ghalxejn u iddecidew li jmorru jfittxuh fil-bar ta' faccata. L-imputat jixhed li qabad il-gakketta u minghalih li qabad tal-ohrajn ukoll. Mar Bar Native kemm ittawwal. X'hin kien diehel lura f'Bacco kien hemm tfajla li bdiet tghidlu li l-gakketta kienet taghha u qalilha li ma kienx minnu ghaliex kieb minghalih li kienu ta' shabu. Hija baqghet tinsisti u s-security qallu li dawk taghha, tefa' lill-imputat mal-art, hadlu l-gkieket, u s-securities bdew ituh. Qabduh u tefghuh f'kamra. Il-manager ta' Bacco li xehed f'dawn il-proceduri beda jakkuzah li huwa kien qieghed

[10] Seduta tal-1 ta' Gunju 2015
[11] Seduta tas-16 ta' Gunju 2016

dejjem jisraq, bezaqlu f'wiccu u allegatament tah daqqa ta' ras. Sadanittant il-gkieket haduhom is-securities anki l-kartiera tieghu. Gew tal-RIU. Mar l-ghassa fejn zewg pulizija iccekkjawlu l-karozza tieghu. Il-pulizija haduh ukoll il-klinik. Huwa jsostni li l-gkieket qabadhom bi zball u dan ukoll meta wiehed jiehu in kunsiderazzjoni tal-fatt li kien ilu hafna hin jixrob. In kontro-ezami qal li apparti Clayton shabu l-ohra baqghu gewwa. L-istqarrija rilaxxjata minnu hija fuq l-istess binarju tax-xhieda moghtija minnu.

Yanis Degabriele[12] xehed li wara l-ikla tax-xoghol marru Paceville f'Bar. Ighid li kien qieghed jiehu drink ma' tfajla ohra, Clayton u ma' Lee u f'daqqa wahda ra lil xi hadd jaqbad lil Lee minn ghonqu u sabtu mal-art u qabez ghalih. Jikkonferma li huwa u Clayton telghu bil-karozza ta' Lee u f'xi hin lil Clayton ma rawhx aktar. Lee ma kienx il-hin kollu hdejh ghaliex ix-xhud illarga ghal ftit hin. Damu mifrudin xi siegha/ siegha u nofs ghaliex kulhadd baqa' ghalih. dak il-hin bdew ifittxu lil Clayton. Hargu barra biex forsi jiltaqghu ma' Clayton barra u inqalghet il-glieda. In kontro-ezami jghid li huwa ma kellux gakketta. Qabel il-glieda t-tfajliet kienu diga' telqu. La Clayton Mazzitelli u lanqas it-tfajliet ma kellhom gakketta.

Abbazi tal-provi prodotti din il-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova oltre d-dubbju dettat mir-raguni li l-imputat fil-fatt ikkommetta serq fid-data indikata. L-istess imputat ma jichadx li ha l-gkieket izda jsostni li dan ghamlu bi zball billi kien minghalih li qabad il-gakketta tieghu u ta' shabu u tenut kont ukoll li dik il-lejla kien ikkunsma ammont sostanzjali ta' xorb alkoholiku. Inoltre' d-difiza tissottometti li fil-bar kien hemm id-dlam u l-folla. Din il-Qorti izda ma tqisx li l-versjoni moghtija mill-imputat hija wahda li tista' titwemmen zgur inkwantu ghat-tehid tal-gkieket. Huwa evidenti mill-footage tal-bar li gie ezebit li l-imputat meta mar biex jigbor il-gkieket huwa kellu diga' l-gakketta fuqu w ghalhekk zgur li ma kellux ghalfejn jigbor il-gakketta. Inoltre' Yanis Degabriele, xhud prodott mid-difiza stess, jixhed li la huwa, la Clayton Mazzitelli u lanqas it-tfajliet ma kienu lebsin gakketta. Kwindi ma setax ikun li l-

[12] Seduta tas-27 ta' Lulju 2016

imputat gabar il-gkieket bi zball ghaliex haseb li kienu ta' shabu ghaliex hadd minn shabu ma kellu gakketta dakinhar. Inoltre' hekk kif twaqqaf minn Amanda Vella l-imputat cahad li l-gakketta kienet taghha mill-ewwel. Inoltre' l-imputat dawwar il-gkieket mieghu li huwa wkoll indikattiv tal-intenzjoni vera tieghu. Inoltre' l-versjoni li huwa u shabu qaghdu kollha flimkien ukoll giet ikkuntrastata minn dak li xehed Yanis Degabriele.

L-aggravju tal-hin addebitat jirrizulta wkoll.

Il-kwistjoni li jifdal ghalhekk li trid tigi kkunsidrata hija x'seraq effettivament l-imputat. Huwa qieghed jigi akkuzat li seraq:

(i) gakketta u xalla ta' Tiziana Abela li flimkien jiswew €60. Dan gie kkonfermat bil-gurament mill-istess Abela u din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tiddubita l-veracita' tax-xhieda. Dawn l-oggetti gew ritornati lill-parte leza.

(ii) Kowt li jiswa €400, li kien fih portmoni li jiswa madwar €40, €500 fi flus kontanti, mowbajl tal-ghamla Samsung Grad 2 li jiswa €500 u cwievet ghad-dannu ta' Amanda Vella – Meta Amanda Vella xehdet qalet li l-kowt kien jiswa bejn €200 - €250, portmoni ma kellhiex, cwievet ma semmietx. Inkwantu ghall-mowbajl ma xheditx x'marka huwa ghalkemm jirrizulta mill-okkorrenza. Prova in atti tal-valur ta' dan il-mowbajl ma ngabitx u dan apparti l-fatt li meta saret it-tfittxija fuq l-imputat li saret ftit hin biss wara li l-istess imputat hareg bil-gkieket mill-bar ma nstablu fuqu l-ebda mowbajl. Inkwantu ghall-flus kontanti, Amanda Vella ipprezentat ricevuta li fis-16 ta' Dicembru 2014 u cioe' hamest ijiem id-data tas-serqa hija kienet gibdet €600 u xehdet li dakinhar tas-serqa kellha fuqha €500. Din il-Qorti ma tqisx li tista' ssib lill-imputat hati li seraq l-ammont reklamat u dan ghal zewg ragunijiet – huwa inverosimili li persuna thalli dak l-ammont kollu f'handbag fuq bar li ma kienx taht ghajnejha; u inoltre' mit-tfittxijiet li saru fuq ntl-imputat, fil-karozza tieghu u residenza ma nstabx ammont ta' flus kontanti. Ukoll il-kowt u l-handbag ghal diversi minuti

ma kienux zgur fil-pussess tal-imputat u dan billi l-istess Vella tghid li s-securities dahlu kollox fil-kamra. F'dawn il-proceduri s-securities lanqas ma ttellghu jaghtu x-xhieda taghhom. Kwindi l-valur li se jittiehed in kunsiderazzjoni huwa l-ammont ta' €200 tal-kowt. Il-kowt haditu lura.

(iii) gakketta ta' Karl Grech li xehed li kienet tiswa madwar €120 li hija xhieda kredibbli. Il-gakketta hadha lura.

Illi l-imputat allega li huwa ssawwat meta twaqqaf bil-gkieket. Din l-allegazzjoni ma saritx fil-konfront ta' xi ufficjal tal-pulizija. Fil-fatt ufficjali tal-pulizija ikkonfermaw li kellhom jiehdu lill-imputat il-poliklinik fejn gie ccertifikat li kien qieghed isofri minn griehi gravi u hfief. Din il-Qorti ma hiex a konoxxenza tal-fatt jekk saritx investigazzjoni dwar din l-allegazzjoni. Naturalment jekk dak allegat mill-imputat sehh huwa kundannabbli izda ma jistax jezonera lill-imputat billi s-serqa kien wettaqha ferm qabel.

Illi l-imputat gie akkuzat ukoll bir-reat tar-ricettazzjoni izda huwa evidenti li din inghatat bhala alternattiva ghall-imputazzjoni tas-serq.

Inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-fedina penali tieghu li minnha jirrizulta li huwa instab hati darba wkoll fuq serq. Ghalhekk filwaqt li ma tqisx li ghandha tikkundanna lill-imputat ghal piena karcerarja effettiva ghandja timponi piena ta' prigunerija li ghandha tigi sospiza.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li ssibx lill-imputat hati tar-raba' imputazzjoni u minnha tilliberah, wara li rat l-artikoli 261(f), 270 u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra migjuba fil-konfront tieghu b'dan li mhux qieghed jinstab hati tal-aggravju tal-valur u tikkundannah ghal sena prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qieghed jigi sospiz ghal zmien sentejn millum.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi jekk jikkommetti reat waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Dr Josette Demicoli LL.D
Magistrat